- APPALT -

*- OBBLIGU TA' DANNI FIN-NUQQAS TA' ESEKUZZJONI -*

*- ART. 1133; 1135 TAL-KAP 16 -*

*- DIFFERENZA FIL-PREZZ PATTWIT GHAL DAK LI JRID JITHALLAS SABIEX ISSIR IX-XOGHOL PATTWIT MINN TERZI HUWA L-AMMONT TA' DANNI SOFFERT MINN MIN IKUN TA; X-XOGHOL -*

- REXXISSJONI ; ARTIKOLU 1209 TAL-KAP 16 -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Lulju, 2001**

**Kawza Numru: 6**
**Citazzjoni Numru: 759/95/RCP**

**Giuseppe u Susan konjugi Menta.**

**vs**

**Francis Mifsud li jiggestixxi d-ditta 'Heavy Duty *Aluminium* & Iron Works u b'digriet tat-13 ta' Novembru**

**1995 giet kjamata fil-kawza Marthese Mifsud.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 3 fejn gie premess:-

Illi fl-ghoxrin (20) ta' Settembru, 1994 l-atturi ordnaw numri ta' aperturi tal-*aluminium* minghad il-konvenut konsistenti f'sebgha (7) bibien u tlett (3) itwieqi bil-prezz ta' seba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm720), u dan kif jirrizulta mill-annessa ricevuta numru 289 (Dok."A").

Illi peress li ma giex gewx miftiehem prezz individwali ghal kull bieb u tieqa, liema bibien u twieqi huma ta' qisien u whud ukoll ta' ghamla differenti, izda gie miftiehm prezz wiehed ghall-aperturi kollha ordnati mill-atturi, cioe' l-prezz ta' seba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm720).

Illi l-ftehim bejn l-atturi u l-konvenut kien illi dawn l-aperturi kollha kellhom jitlestew u jigu stallati fil-post, fil-fond tal-atturi, sa' l-ahhar ta' Dicembru 1994.

Illi peress li dakinhar li l-atturi ordnaw l-imsemmija aperturi minghand il-konvenut, huma hallew depozitu ta’ mitt lira Maltija (Lm100), u dan kif turi r-ricevuta numru 289 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. “A”.

Illi fit-tnax (12) ta’ Ottubru 1994 l-atturi regghu taw lill-konvenut is-somma ta’ mitt lira Maltija (Lm100) bhala depozitu, u dan ukoll kif turi r-ricevuta numru 289 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. “A”.

Illi l-konvenut dejjem wieghed lill-atturi illi kien ser ilesti l-aperturi minnhom ordnati fil-hin stipulat.

Illi fl-erbatax (14) ta’ Dicembru 1994 l-atturi regghu taw is-somma ta’ mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220) lill-konvenut bhala depozitu ghall-aperturi tal-*aluminium* minnhom ordnati, u dan kif turi r-ricevuta numru 312 annessa u mmarkata bhala Dok. “B”.

Illi ghaldaqstant l-atturi taw lill-konvenut is-somma t’erba’ mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420) bhala depozitu ghall-aperturi tal-*aluminium* minnhom ordnati.

Illi l-konvenut naqas li jezegwixxi l-appalt kuntrattat fiz-zmien stabbilit, izda llesta u stalla biss uhud mill-aperturi tal-*aluminium* ordnati mill-atturi, konsistenti

f'zewgt' (2) itwieqi tal-kamra tal-banju, bieb tal-bejt *'sliding'*, u bieb iehor tal-bejt.

Illi anke dawn l-aperturi ma sarux skond is-sengha u l-arti u whud minnhom mhux bil-materjal miftiehem, tant li l-bieb *'sliding'* mhux imwahhal sew, jiccaqlaq, huwa bla pum u anke ihalli jidhol l-ilma, waqt li l-bieb l-iehor huwa mibrux, bla vireg u m'ghandux *double glazing',* bi ksur tal-ftehim.

Illi minhabba li l-konvenut naqas li jillesti u jistalla fil-post l-aperturi tal-*aluminium* ordnati mill-atturi entro iz-zmien stipulat, filwaqt li dawk l-aperturi li fil-fatt tlestew u gew stallati ma sarux skond is-sengha u l-arti u ma kienux tal-kwalita' tajba, l-atturi soffrew danni konsistenti fi hsarat fil-hajt tal-kamra tal-bejt (*'washroom')*, liema hajt huwa mahdum bil-gipsum, u garrab umdita' fl-istess hajt, anke peress li naturalment matul ix-xitwa kien jidhol hafna ilma.

Illi l-atturi permezz t'ittra ufficjali datata l-15 ta' Mejju 1995 (hawn annessa u mmarkata Dok. "C") intimaw lill-konvenut illi kienu qed ihollu l-kuntratt ta' appalt minhabba n-nuqqas da parti tal-konvenut li jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu, u senjatament li jlesti u jistalla l-aperturi kollha tal-*aluminium* ordnati mill-atturi fiz-zmien stipulat.

Illi minhabba li l-konvenut naqas li jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu, l-atturi huma kostretti li jordnaw l-aperuri in kwistjoni minghand xi hadd iehor.

Illi minhabba f'hekk l-atturi ser isofru danni konsistenti fiz-zieda fil-prezzijiet ta' l-imsemmija aperturi.

Illi l-atturi waqt li ntimaw lill-konvenut permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju 1995 (Dok. "C") illi huma qeghdin ihollu l-kuntratt t'appalt skond il-ligi, permezz tal-istess ittra ufficjali interpellawh ukoll biex jersaq ghal likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni minnhom sofferti u ser isofru u biex jirrestitwixxilhom is-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420) lilu moghtija bhala depozitu, izda l-konvenut baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut naqas milli jezegwixi l-obbligazzjoni tieghu li jillesti u jistalla l-aperturi kollha tal-*aluminium* ordnati mill-atturi fiz-zmien stipulat, u cioe' sal-ahhar ta' Dicembru 1994.

(2) Tiddikjara illi l-aperturi li l-konvenut illesta u stalla konsistenti f'zewgt' (2) itwieqi tal-kamra tal-banju, bieb tal-hajt *'sliding',* u bieb iehor tal-bejt ma sarux skond l-arti u s-sengha u ma kienux tal-kwalita' miftiehma.

(3) Tiddikjara l-hall tal-kuntratt t'appalt kuntrattat bejn l-atturi u l-konvenut fl-20 ta' Settembru 1994 ghal diversi xogholijiet ta' aperturi tal-*aluminium* minhabba nuqqas da parti tal-konvenut li jezegwixxi l-obbligazzjoni minnu assunta fiz-zmien miftiehem.

(4) Tiddikjara illi l-konvenut ikkaguna danni lill-atturi konsistenti fi hsarat fil-hitan tal-kamra tal-bejt u fiz-zieda fil-prezzijiet li ser jithallsu mill-atturi ghall-aperturi in kwistjoni minflok dawk li kellhom jigu suppliti mill-konvenut.

(5) Tillikwida d-danni kkagunati mill-konvenut lill-atturi konsistenti fi hsarat fil-hitan tal-kamra tal-bejt u fiz-zieda fil-prezzijiet tal-aperturi in kwistjoni.

(6) Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi l-imsemmija danni fl-ammont li jigi likwidat minn din l-Qorti.

(7) Tikkundanna lill-konvenut biex jiehu lura l-aperturi konsistenti f'zewgt' (2) itwieqi tal-kamra tal-banju, bieb tal-bejt *'sliding'*, u bieb tal-bejt, liema aperturi *'in ogni caso'* ma sarux skond l-arti u s-sengha u ma kienux tal-kwalita' miftiehma li huwa stalla fil-fond tal-atturi u jirrestitwixxi s-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420) lilu moghtija mill-atturi ghall-appalt li

huwa naqas li jezegwixxi skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju 1995 (Dok. "C") u bl-imghax legali ghar-rigward tas-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420) mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju 1995 sad-data tal-pagament effettiv, u ghar-rigward tad-danni likwidati mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 7 sa 10 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 14 fejn gie eccepit:

(1) Preliminarjament l-irritwalita u nullita' tac-citazzjoni stante li mart l-eccipjenti mhijiex parti fil-kawza kif jirrikjedi l-artikolu 1322 subinciz (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici in kwantu jirrigwardaw kumpens ghad-danni minhabba dewmien ghandhom

jigu michuda peress li l-eccipjenti ma kienx responsabbli ghad-dewmien fil-konsenja tal-merkanzija.

(3) Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tal-atturi li x-xoghol tal-*aluminium* li sar ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha mhux biss huwa totalment infondat izda huwa fil-limiti tal-vessatorjeta'.

(4) Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-parti kbira tal-appalt huwa komplut tant li l-atturi hallsu lill-konvenut ghal dan ix-xoghol wara li dan tlesta u ghalhekk ma jistghux jitolbu r-rifuzjoni tal-hlas li sar fir-rigward ta' dan ix-xoghol.

(5) Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salvi Eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbali tat-13 ta' Novembru 1995 fejn giet kjamata fil-kawza Marthese Mifsud u tas-26 ta' Frar 1996.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza a fol. 22 tal-process fejn eccepiet:-

(1) Illi t-talbiet attrici in kwantu jirrigwardaw id-danni minhabba dewmien ghandhom jigu michuda peress li l-eccipjenti ma kienx responsabbli ghad-dewmien fil-konsenja tal-merkanzija.

(2) Illi fit-tieni lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazjonijiet tal-atturi li x-xoghol tal-*aluminium* li sar ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha mhux biss huwa totalment infondat izda huwa fil-limiti tal-vessatorjeta'.

(3) Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-parti kbira tal-appalt huwa komplut tant li l-atturi hallsu lill-konvenut ghal dan ix-xoghol wara li dan tlesta u ghalhekk ma jistghux jitolbu r-rifuzjoni tal-hlas li sar fir-rigward ta' dan ix-xoghol.

(4) Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

(5) Salvi Eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kjamata fil-kawza a fol. 23 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 24 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 1996 fejn gie nominat il-perit tekniku Joseph Jaccarini sabiex jirrelata dwar l-allegazjonijiet attrici.

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta' Ottubru 1996, 2 ta' Dicembru 1996, 24 ta' Frar 1997, 2 ta' Gunju 1997, 27 ta' Ottubru 1997, 16 ta' Jannar 1998, 8 ta' Gunju 1998, 14 ta' Ottubru 1998, 22 ta' Marzu 1999, 18 ta' Gunju 1999, tas-17 ta' Novembru 1999, tat-22 ta' Marzu 2000, tal-5 ta' Gunju 2000, tal-14 ta' Novembru 2000 fejn il-Perit Tekniku Joseph Jaccarini halef ir-rapport, tal-1 ta' Frar 2001, u tat-3 t'April 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2001.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Perit Tekniku Joseph Jaccarini u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat l-affidavit tal-konvenuta a fol. 47 tal-process datat 27 ta' Novembru 1998.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din l-kawza saret mill-atturi stante li qed jallegaw li huma ordnaw minghand il-konvenut seba' (7) bibien u tlett (3) itwieqi verso l-prezz ta' Lm720, li kellhom jitlestew sal-ahhar ta' Dicembru 1994, u li minn dawn gew biss ezegwiti zewg (2) twieqi u zewg (2) bibien, *di piu`* mhux tal-kwalita' miftehma, u mhux mahduma skond is-sengha u l-arti, b'dan li talbu r-rexissjoni tal-istess appalt, kemm minhabba li ma giex ezegwit fit-terminu pattwit, u kemm ghaliex ix-xoghol ezegwit ma kienx skond is-sengha u l-arti, u *inoltre* talbu r-rifuzzjoni tal-ammont ta' depozitu imhallas lil-konvenut, kif ukoll l-hlas ta' danni kkawzati lill-atturi minhabba inadempjenza fit-terminu indikat tal-obbligazzjonijiet asunti mill-konvenut, apparti hsara ikkawzata fil-hitan tal-atturi kawza tal-bibien ezegwiti hazin mill-istess konvenut.

Illi mill-provi prodotti irrizulta li **Cecil Ellul**, missier l-attrici xehed li l-atturi ordnaw l-aperturi tal-*aluminium* minghand il-konvenut tal-kwalita' P3, izda ma kienx prezenti ghall-ftehim; kien biss prezenti meta l-attur mar biex iwaqqaf mix-xoghol lill-konvenut ghaliex l-istess xoghol ma kienx sar fit-terminu, u l-konvenut qallu li fi zmien gimghatejn kellu ikun lest, pero' meta marru ifittxu lill-konvenut wara dan iz-zmien sabuh maghluq.

Illi l-istess konvenut kellu ukoll jirranga l-aperturi li kien lahaq ghamel billi jwahhal xi *bars* fil-bieb tal-bejt, jaghmel *double glazing,* jaghmel il-pum tas-*sliding door,* u jirranga l-bieb ghaliex kien wehhel. Minn dan l-konvenut xorta baqa' ma ghamel xejn.

**L-attur** sostna li huma kienu ghamlu ftehim mal-konvenut sabiex ix-xoghol jitlesta qabel il-bidu tas-sena 1995, u dan ghaliex ma riedux li jigu applikati ghall-prezz d-disposizzjoni tal-V.A.T ta' 15% li kellha tigi fis-sehh fil-bidu tas-sena 1995. Wara xi xahar kien tlesta l-bieb tal-bejt pero' dan kien bi hgiega wahda, mhux *double glazing,* kien jonqsu xi vireg u l-*aluminium* kien migruf. Wara xahrejn twahhlu zewgt' (2) itwieqi u *sliding door* li la setgha jinfetah u lanqas jinghalaq u kien minghajr pum. Kellu jigi jirranga l-istess izda ghalxejn. Wara l-attur ipprova isib kompromess billi l-konvenut kellu jirranga ix-xoghol, u jghaddilu id-differenza fi flus, izda minn dan kollu l-konvenut ma ghamel xejn.

Illi dan kollu jinsab ikkonfermat mill-affidavit tal-attrici li sar fis-27 ta' Novembru 1998 u jinsab esebit a fol 47 u 48 tal-process.

Illi l-konvenut sostna li kien ftiehem mal-atturi kif huma qalu pero' dam ma jibda ix-xoghol peress li l-

*aluminium* li huma ghazlu P4 kien gdid, u lesta biss l-bieb tal-bejt, tal-*washroom* u twieqi tas-sular ta' fuq.

Illi l-atturi mill-ewwel qalulu li kienu maghgglin ghax-xoghol pero' xorta ittawwal iz-zmien sa erba' (4) xhur minn meta saret l-ordni sakemm cemplulu biex jieqaf ix-xoghol. Wara l-partijiet kienu waslu b'kompromess sabiex jirritornalhom l-ammont ta' Lm120, billi jzomm mid-depozitu mhallas lilu l-valur tax-xoghol li lahaq ghamel, izda sar rapport mill-atturi lill-Ghaqda tal-Konsumaturi li deher fl-Orizzont tat-30 ta' Lulju 1995, u ghalhekk ha ghalih u bdew il-proceduri il-Qorti.

Illi mir-**relazzjoni peritali** a fol. 66 sa 98 tal-process jirrizulta li l-atturi ordnaw ghaxar (10) bicciet xoghol li kienu jinkludu tlett bibien bil-qies ta' 86" pulzieri b'50" pulzier bid-*double glazing,* bieb tat-tip *sliding,* zewgt (2) bibien tal-bejt bid-*double glazing*, bieb iehor, zewg (2) itwieqi fil-kamra tas-sodda, tieqa' 36" pulzier b'42" pulzier bid-*double glazing* - kollha bil-prezz pattwit ta' Lm720, liema xoghol kellu jitlesta sal-ahhar ta' Dicembru 1994.

Illi jirrizulta wkoll li sal-14 ta' Dicembru 1994, l-atturi hallsu lill-konvenut bhala depozitu akkont tal-prezz l-ammont totali ta' Lm420, u dan permezz ta' zewgt pagamenti ta' Lm100 il-wiehed u l-ahhar wiehed fid-data indikata ta' Lm220.

Illi l-konvenut wahhal *sliding door* bla pum b'mod li dan lanqas setgha jinghalaq u lanqas jinfetah, bieb tal-bejt li ma sarx bid-**double glazing** kif pattwit, kien migruf meta twahhal u kellu vireg neqsin, u zewgt' itwieqi fis-sular ta' taht il-bejt, li mid-dehra saru sew.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta indubjament li l-konvenut naqas milli jezegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu fit-terminu pattwit minnu mal-atturi cioe` sal-ahhar ta' Dicembru 1994, u ghalhekk l-atturi kellhom raguni valida sabiex jitterminaw l-istess ftehim ta' appalt kif fil-fatt ghamlu kemm verbalment u kemm permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju 1995, u dan anke peress li l-konvenut mhux biss naqas li jesegwixxi x-xoghol kollu kontrattat fit-terminu miftiehem, izda wkoll z-zewgt bibien li ghamel ma kienux tal-kwalita' pattwita, u *di piu* lanqas saru skond is-sengha u l-arti (dan peress li l-i*sliding door* irid jitwahhal ahjar u jigi provdut b'*handle,* filwaqt li l-bieb tal-bejt l-iehor ma sarx bid-*double glazing* u ghandu vireg neqsin, apparti grif li fih) u wkoll naqas li jirrimedja ghall-istess.

Illi l-istess perit ikkonkluda li l-konvenut ghandu jzomm is-somma ta' Lm260 ghax-xoghol li ghamel fiz-zewg bibien u zewgt' itwieqi, jirrifondi is-somma ta' Lm160 mid-depozitu ta' Lm420 imhallsa lilu bl-imghax

mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u dan peress li huwa sostna li l-bibien biex jigu tajba irid jintefqu Lm40, u l-bqija huwa l-valur tal-oggetti konsenjati, filwaqt li sostna li l-istess aperturi ma ikkawzaw ebda hsara fil-hitan tal-istess atturi.

Illi pero' din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet peritali rigwardanti li l-ligi li tirregola din il-pendenza u dan ghaliex la darba irrizulta li l-konvenut naqas mill-obbligazzjonijiet tieghu li jlesti l-istess xoghol minnu accettat fit-terminu stabbilit bejn il-partijiet fl-ahhar ta' Dicembru 1994, mela allura l-atturi kellhom id-dritt jirrexxindu l-istess kuntratt, u *ai termini* tal-**artikolu 1209 tal-Kap 16,** l-effett ta' tali rixxessjoni huwa li *'il-partijiet jigu mqieghda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim",* u b'rizultat ta' dan l-konvenut ghandu jirrifondi lill-atturi d-depozitu kollu li huwa ircieva minghandhom, filwaqt li huwa ghandu jiehu lura l-oggetti minnu ikkonsenjati lill-atturi, fosthom il-bibien li fi kwalunkwe kaz lanqas kienu tal-kwalita' pattwita u lanqas saru skond is-sengha u l-arti.

Illi rigwardanti it-tieni talba, ghalkemm in vista tal-ewwel u it-tielet talba din hija ta' natura akkademika minhabba ir-rexissjoni tal-istess kuntratt ta' appalt, jirrizulta li l-bibien biss ma kienux maghmula skond il-kwalita' pattwita u mhux skond is-sengha u l-arti, dwar it-twieqi ma irrizulta xejn.

Illi dwar ir-raba' talba skond il-perit tekniku jirrizulta li ma giet ikkawzata ebda hsara fil-hitan tal-atturi kawza tax-xoghol hazin tal-konvenut u ghalhekk dik il-parti tad-domanda qed tigi michuda, pero' l-atturi ghandhom dritt li jigu ikkumpensati ghaz-zieda fil-prezz li huma jistghu jigu kostretti ihallsu sabiex issir ix-xoghol minn terzi.

Illi dwar il-hames (5) talba l-ammont ta' danni konsistenti f'tali allegata zieda fil-prezz sabiex jinhaddmu l-aperturi ordnati ghand il-konvenut minn terzi ma tistax tigi kwantifikata f'dan il-gudizzju stante li ma ingabet ebda prova ghall-istess, salv id-dritt tal-atturi *sic et quatenus* li jipprocedu ulterjorment skond il-ligi jekk tali prezz ta' xogholijiet li jigu eventwalment ezegwiti minn terzi jirrizulta ghola minn dak pattwit mal-konvenut.

Illi dan ghaliex kwantu ghad-danni li qed jigu reklamati minhabba tali inadempjenza ppuvata da parte tal-konvenut, inghad fis-sentenza **"Rita Fava vs Joseph D. Gouder"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2001 li l-**artikolu 1133 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

*"Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx in mala fede, jigi ikkundannat ghad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minhabba li jkun naqas ghall-esekuzzjoni kemm ukoll*

*minhabba dewmien fl-esekuzzjoni taghha, kemm il-darba hu ma jippruvax illi in-nuqqas ta' l-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi haga barranija li huwa ma kienx htija"*

Illi l-**artikolu 1135** ikompli jistipula li:-

*"Bla hsara ta' l-eccezzjonijiet u tat-tibdil kif migjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma, b'mod generali, ghat-telf li jkun bata' u l-qligh li jkun gie mtellef".*

Illi ghalhekk l-konvenut ghandu jinzamm ukoll responsabbli ghad-danni kkawzati minnu lilhom minhabba l-inadempjenza totali tieghu kemm f'dik li hija esekuzzjoni tax-xoghol u kemm f'dik li hija non-osservanza tat-terminu ta' esekuzzjoni impost fuqu, u id-danni jikkonsistu fil-prezz ghola li l-istess atturi ser ikunu kostretti ihallsu sabiex jigu esegwiti l-istess xogholijiet minn terzi, stante li fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan huwa rizultat dirett tan-nuqqas ta' adempjenza da parte tal-istess konvenut tal-appalt pattwit mal-atturi.

Illi ghalhekk il-fatt li f'din il-kawza ma gewx provduti ricevuti jew stimi jwassal lil din il-Qorti sabiex ma tilqax it-talba numru hamsa (5) ghall-likwidazzjoni tal-istess danni rizultanti minn dan l-allegat tibdil fil-prezz, izda ma jfissirx li din it-talba ma tistax issir f'proceduri

separati sussegwenti ghal dawn jekk il-fatturi bazici javverraw ruhhum fil-futur.

Illi dan qed jinghad ukoll fl-isfond tal-emendi li saru fl-**artikolu 1640 tal-Kap 16,** u appositament fl-**artikolu 1640 (5)** fejn b'effett tal-emendi bl-**Att IV tal-1995** il-hall tal-kuntratt tal-appalt jista' ssir *"b'kull mezz li jkun … … … .u dan bla htiega ta' ebda awtorita' jew konferma mill-qorti",* liema disposizzjonijiet ma kienux japplikaw ghal dan il-ftehim ta' appalt odjern li sar f'Settembru 1994.

Illi ghar-rigward tas-seba' (7) talba din ghandha tintlaqa' konsegwentement ghall-ewwel (1) u t-tielet (3) talba attrici, peress li l-istess konvenut ma ezegwiex l-appalt fit-terminu pattwit, u mhux ghar-ragunijiet l-ohra hemm indikati ghalkemm jirrizulta li l-bibien konsenjati ma kienux tal-kwalita' pattwita u lanqas skond is-sengha u l-arti.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom ilkoll jigu milqugha biss bil-mod premess, u l-hames (5) u s-sitt (6) talbiet ma jigux milqugha f'din id-decizzjoni stante nuqqas ta' prova dwar l-istess allegati danni rigwardanti l-prezz ghola minn dak pattwit mal-konvenut dwar l-istess aperturi li gew ezegwiti jew ser jigu ezegwiti minn terzi.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u tichad ukoll l-hames (5) talba attrici minhabba li hija infondata fil-fatt u fid-dritt inkwantu tirrigwarda l-allegata hsara fil-hitan, u nuqqas ta' provi fir-rigward tal-kumplament, u tichad ukoll is-sitt (6) talba stante wkoll nuqqas ta' provi, **tilqa' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), u s-seba' (7) talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut naqas milli jezegwixi l-obbligazzjoni tieghu li jillesti u jistalla l-aperturi kollha tal-*aluminium* ordnati mill-atturi fiz-zmien stipulat, u cioe` sal-ahhar ta' Dicembru 1994.

(2) Tiddikjara illi mill-aperturi li l-konvenut illesta u stalla konsistenti f'zewgt (2) itwieqi tal-kamra tal-banju, bieb tal-hajt *'sliding',* u bieb iehor tal-bejt, il-bibien ma sarux skond l-arti u s-sengha u ma kienux tal-kwalita' miftiehma.

(3) Tiddikjara l-hall tal-kuntratt t'appalt kuntrattat bejn l-atturi u l-konvenut fl-20 ta' Settembru 1994 ghal diversi xogholijiet ta' aperturi tal-*aluminium* minhabba nuqqas da parti tal-konvenut li jezegwixxi l-obbligazzjoni minnu assunta fiz-zmien miftiehem.

(4) Tiddikjara illi l-konvenut ikkaguna danni lill-atturi konsistenti fiz-zieda fil-prezzijiet li ser jithallsu mill-atturi ghall-aperturi in kwistjoni minflok dawk li kellhom jigu suppliti mill-konvenut.

(5) Tichad it-talba ghall-likwidazzjoni ta' danni allegatament kkagunati mill-konvenut lill-atturi stante li ma giet ikkawzata mill-konvenut ebda hsara fil-hitan tal-kamra tal-bejt u minhabba nuqqas ta' provi dwar l-allegata zieda fil-prezzijiet tal-aperturi in kwistjoni li ser jigu mahduma minn terzi

(6) Tichad din it-talba ghal kundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi l-imsemmija allegati danni stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex ma giet ikkawzata ebda hsara fil-hitan indikati u minhabba nuqqas ta' prova dwar likwidazzjoni ghall-prezz ghola li tali aperturi jiswew meta jinhaddmu minn terzi, dejjem salv dak li inghad iktar il-fuq dwar l-istess.

(7) Tikkundanna lill-konvenut sabiex taht id-direzzjoni tal-perit arkitett Joseph Jaccarini, li qed jigi nominat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop, jiehu lura l-aperturi konsistenti f'zewgt (2) itwieqi tal-kamra tal-banju, bieb tal-bejt *'sliding'*, u bieb tal-bejt li huwa stalla fil-fond tal-atturi u dan f'terminu qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u fin-nuqqas li l-konvenut jaderixxi ruhu mal-premess fit-

terminu fuq perentorjament stipulat, din il-Qorti tawtorizza lill-atturi a spejjez tal-istess konvenuti sabiex taht id-direzzjoni tal-perit tekniku Joseph Jaccarini jaqilghu l-istess aperuturi premessi u jikkonsenjawhom lill-konvenut u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirrestitwixxu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420) moghtija mill-atturi lill-konvenut ghall-appalt li huwa naqas li jezegwixxi skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju 1995 (Dok. "C") u bl-imghax legali ghar-rigward tas-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420) mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fl-1 ta' Settembru 1995 sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha tal-perit tekniku hawn ukoll nominat kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' Lulju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**4 ta' Lulju 2001**